# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 983

KAZ NRU. 1152

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Priscilla Muscat Edwards

u

Handkrafts

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 9 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju, 1997 Ref. MHS/TI/47/97 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

L-appellanta kienet fil-bidu (ghal l-ewwel hames seduti sat-22 ta' Jannar, 1998) mill-avukat George Abela u mis-sur Michael Parnis u mis-seduta tas-17 ta' Frar, 1998 mill-avukat Frank Cassar.

Is-Socjeta' ntimata Handkrafts kienet rapprezentata mis-sur Martin Aquilina assistit mill-avukat Peter Fenech.

**Statements of Case**

L-appellanta kienet giet impjegata mal-kumpanija Handkrafts fis-26 t'Awissu, 1992 u permezz ta' ittra fil-21 t'April 1997 mis-sur Martin Aquilina, giet infurmata li l-impjieg taghha gie tterminat b'effett mis-Sibt 19 t'April, 1997.

Ir-raguni li nghatat fuq ic-certifikat ta' Temm ta' l-Impjieg kienet bhala "Azzjoni ta' Dixxiplina".

Din l-ittra ircevietha waqt li l-appellanta kienet bil-*Marriage Leave*.

L-appellanta ssostni wkoll li qatt ma kellha problemi u nghatat biss *written warning* wahda.

Waqt l-impjieg taghha, il-kumpanija baghtitha kors imniedi mill-MISCO biex tkompli ttejjeb l-esperjenza taghha fuq il-*counter*.

Issemmi wkoll li wara l-Milied tal-1996 is-sur Aquilina baghtilha kartolina biex jirringrazzjaha tax-xoghol li ghamlet. Fil-gurnata li tkecciet, tkeccew ukoll it-tlett impjegati l-ohra fl-istess hanut u fuq l-istess bazi.

Fil-21 t'April 1997, jigifieri l-ewwel jum ta' xoghol wara li tkecciet, il-kumpanija mpjegat erba' haddiema godda biex jiehdu posthom u nghatatilhom ukoll uniformi.

L-appellanta appellat quddiem l-Awtorita' tax-Xoghol fejn l-istess Awtorita' accettat il-kaz taghha u giet intitolata biex tirregistra ghax-xoghol.

Min naha tal-kumpanija t-tkeccija kienet gusta u legali u li giet wara diversi twissijiet.

L-appellanta meta giet impjegata kellha responsabbilitajiet u parametri ta' x'kellha taghmel u ghal x'hiex kienet responsabbli. Dawn kienu mfissra lilha meta bdiet l-impjieg u li kienu jigu riveduti meta kienu jsiru laqghat mal-haddiema kollha tal-hanut.

Kienet tinghata struzzjonijiet mis-sur Aquilina u l-Manager, Simon Busuttil. kien responsabbli li jimplimentahom.

Il-kumpanija ssostni li l-appellanta ma kinetx taghti kaz ta' l-istruzzjonijiet li kienet tircievi. Is-sur Aquilina kien car fuq dak li stenna minnha izda ftit kienet taghti kaz l-ordnijiet tieghu. Is-sitwazzjoni kienet tirranga ftit wara kull twissija verbali izda mbaghad is-sitwazzjoni terga' tiddegenera. Il-hbiberija li nibtet bejn il-manager u l-impjegati kienet tali li setghu ma jaghmlux dak mistenni minnhom.

L-atteggjament taghha fl-ahhar ta' l-impjieg kien wiehed ta' sfidi kontinwi lejn il-kumpanija u l-Awtorita' tas-sur Aquilina.

Ir-rifjut li tattendi l-kors hija prova li l-isfida generali li l-haddiema kollha kienu qed jattwaw kontra l-management.

Kienet tiekol fil-hanut fil-prezenza tal-klijenti minkejja li kienet imwissija.

"Bhala *sales person* kellha tassigura li l-ebda klijenti, sakemm kien possibbli, ma jithallew fil-hanut mhux akkumpanjati u din kienet essenzjali li ma tigrix fuq is-sular ta' fuq li jithallew persuni minghajr ma jkun hemm *sales person* jissorvelja. Din is-sitwazzjoni kienet il-hin kollu tigri. Kont nidhol il-hanut u fuq nsib nies minghajr *sales person* u xi tnejn mill-istess *sales persons* jpacpcu bejniethom isfel. L-iskuza kienet li l-klijenti kienu ghadhom kemm telghu fis-sular ta' fuq.

L-appellanta kienet taf bir-regola li r-radio kellu jkun dejjem fuq stazzjon li jdoqq muzika addattata, izda kienet izzomm ir-radio fuq l-istazzjon li hi riedet tisma'.

L-appellanta kienet ukoll wahda mir-responsabbli sabiex izzomm il-hanut pulit u organizzat. Ghal dan l-ahhar sentejn il-hanut kien fi stat dizorganizzat li seta' biss fixkel l-iskop li ghalih kien jinfetah. Kien ikun hemm kaxxi fuq kaxxi fin-nofs mhux imdahhlin f'posthom. Sempliciment imqeghda mal-genb u f'postijiet fejn logikament ma jaghmilx sens li jkunu hemm. Tant kont nilmenta fuq dan li sa fl-ahhar ma stajtx naccetta din is-sitwazzjoni aktar, u darba f'festa pubblika qbadt, ftaht il-hanut, u ghamilt nofs ta' nhar shih norganizza l-hanut. Gbit l-attenzjoni tal-haddiema li dan kien xogholhom. Minkejja dan wara ftit taz-zmien, il-hanut rega' kien dizorganizzat. Fil-fatt ftit qabel ma keccejthom huma kienu organizzaw il-hanut. Meta gew fuqi u gbidt l-attenzjoni ta' dan, ir-risposta tieghi kienet "*two years too late*".

Haga ohra li kienet issir minkejja l-ordnijiet sabiex din ma ssirx, kienet li l-kaxxi tat-*toys* jinfethu billi jqattawhom u mhux jaqtghu it-tape li jkun hemm fuqhom. Dan ifisser li ahna mbaghad kellna nnaqsu l-prezz ghaliex hadd ma jkun irid kaxxa mqatta'. Fuq din ghajjejt inhambaq, izda fuq widnejn torox waqa'."

Fil-*Final Submissions*, l-appellanta ddeskriviet fit-tul ir-ragunijiet ghala t-tkeccija kienet ingusta.

"Fic-certifikat tat-Temm ta' l-Impjieg, Martin Aquilina ta bhala raguni ghat-tmiem ta' l-impjieg tal-esponenti *Disciplinary Action*. Fl-ittra li biha l-esponenti giet mgharrfa li tkecciet mix-xoghol, l-imsemmi Martin Aquilina jsemmi "*certain behaviour*" minghajr bl-ebda mod ma jispecifika x'inhu dan l-agir.

Min naha l-ohra s-segwenti hija lista ta' lmenti li Martin Aquilina semma' fil-konfront tal-esponenti fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Handkrafts :

a. irrifjutat li tmur kors;
b. tiekol fil-hanut;
c. tippermetti li klijenti ma jkunux akkumpanjati minn *sales person* jew jippermetti klijenti fis-sular ta' fuq meta ma jkunx hemm *sales person*;
d. izzomm radio fuq muzika addattata;
e. thalli l-hanut dizorganizzat;
f. tiftah il-kaxxi tat-*toys* b'mod li tqattaghhom biex tiftahhom; u
g. kienet tohrog ta' spiss mill-hanut.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal Industrijali jinnota li x-xhieda ta' l-appellanta u dik tas-sur Martin Aquilina hija kontrastanti. L-attitudini ta' l-appellanta xejn ma kienet pozittiva. Jidher li kemm hi u l-impjegati l-ohra ma kellhomx xi rispett partikolari lejn is-sur Aquilina bhala Managing Director tas-Socjeta' Handkrafts.

Gie nnotat ukoll li hemm dubbji ta' kredibilita' fix-xhieda ta' l-appellanta.

Wiehed irid jinnota wkoll li l-mod kif is-sur Aquilina baghat l-ittra tat-terminazzjoni waqt li l-appellanta kienet bil-*Marriage Leave,* ma kinetx flokha u wiehed jistenna izjed *fair play*.

**Konkluzzjonijiet**

It-Tribunal, kif gew ipprezentati t-tezi taz-zewg nahat, ghandu dubbji rigward xi ncidenti li nqalghu. Huwa minnu li ma kienx hemm affjatament bejn l-impjegati u s-sur Aquilina, u x-xhieda ta' l-appellanta ma kinetx konvincenti.

Konsegwentement, it-tkeccija ma tistax tigi kkunsidrata bhala mhux gusta.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali numru 48 ta' 1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet bil-mod kif gej :

Ghan-naha tas-Socjeta' erbghin lira maltin (Lm40) ghal min assistiha, u ghan-naha ta' l-appellanta ghoxrin lira maltin (Lm20) li jinqasmu bejn Dr. G. Abela/is-Sur M Parnis u ghoxrin lira maltin (Lm20) ghal Dr. Frank Cassar.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

--------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg